MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-7 ta' April, 2008

Numru 658/2001

PULIZIJA
SPETTUR ABRAHAM ZAMMIT
VS
RITA ELNILY

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Rita Elnily, ta’ 35 sena, bint Arthur Montezino u Maria Lia Abela, imwieled Pieta’ fit-28 ta’ Mejju 1966 u residenti fil-prezenti No.26, Triq Futuro Spiro. Detentrici ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 241466(M).

U akkuzati talli;

a. Fi Triq Atlonn, Paola, fit-18 ta’ Awissu 2001 ghal xi d-9p.m. ingurjat, insulentat agrediet u ghamlet offiza fuq il-persuna, l-ispettur Abraham Zammit u PC 988 Paul

Grech; persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li minhabba li kienu qeghdin jaghmlu dan is-servizz pubbliku jew bil-hsieb biex tbezzaghhom jew tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

b. Fi 19 ta’ Awissu 2001, ghall-10:30am, fl-istess kas ta’ Paola, giet attakkat, ghamlet rezistenza, bi vjolenza jew b’hebb li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika kontra l-Ispettur Abraham Zammit u WPC 120 Carol Jacono, WPC 70 Marthese Bartolo; persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li minhabba li kienu jaghgixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita’ kompetenti, ikkagunat feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ WPC 120 Carol Jacono.
c. Barra minnhekk fit-18 ta’ Awissu 2001, ghal xi 9:10pm kif ukoll fit-19 ta’ Awissu 2001 ghal habta ta’ 10:30am, f’Rahal il-Gdid; kissret il-paci pubblika b’ghajjat storbju u glied jew b’mod iehor.

d. Fl-istess dati u hinijiet, postijiet u cirkustanzi qalet kliem oxxen, indecenti, u dagha fil-pubbliku.

Il-Qorti giet mitlubha biex tapplika l-Artiklu 383. Kap.9

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kas.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali, a fol.13, sabiex il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja.

Rat il-kunsens tal-imputata ghall-istess ghan. a fol.5

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Abraham Zammit xehed li fit-18 ta’ Awissu tas-sena 2001, huwa kien ma membri ta’ pulizija ohra, ordnati fuq il-marc tal-festa ta’ Lourdes ta’ Paola. Ghal habta tad-disgha daqqu, l-marc diga’ kien wasal fi Triq Atlonn, u nstema’ ghajjat u storbju minn naha ta’ quddiem u ghaldaqstant Spettur Zammit mar jara x’gara. Sab lil PS Muscat 1495 qieghed jitkellem ma’ persuna ta’ nazzjonalita’ barranija, u li kien qed jaghti ordni sabiex din il-karozza LOV696 tigi mressqa mal-genb u sidha beda jirrifjuta. Ftit wara semgha twerzieq u ghajjat gej da parti ta’ l-imputata li kienet qed titkellm b’mod baxx. Spettur Zammit xhed illi l-festa ta’ Lourdes hija wahda illi dejjem tkun trankwilla il-ghaliex ma hemmx ir-rivalita’ ma’ festi ohra tar-rahal. Waqt illi l-pulizija kienu qeghdin jarrestawh lir-ragel ta’ l-imputata, l-imputata aggrediet lill-Ispettur Zammit billi tatu diversi daqqiet fuq dahru waqt illi l-Kuntistabbli Sacco beda jipprova jigbidha lura. L-incident dak il-lejl spicca hemm u l-Ispettur Zammit hass il-htiega illi jibghat ghall-imputata, l-ghada filghodu sabiex ikellemha.

Fl-10:30 gie infurmat illi l-imputata kienet prezenti fl-ghassa. Ghaldaqstant l-Ispettur Zammit talab lil WPC120 Jacono biex itella’ lill-imputata fl-ufficju tieghu. F’xi hin ircieva telefonata minn WPC120 illi qaltlu illi l-imputata ma riditx titla’ u kienet qed tinsisti illi jkun hemm ir-ragel taghha prezenti. L-Ispettur Zammit ghaldaqstant nizel isfel, ta’ ordni lill-imputata sabiex titla’ fl-ufficju tieghu waqt li ispjegalha li kien ser ikun hemm prezenti zewg pulizija nisa. L-imputata baghqet tirrifjuta u tinsisti illi jkun hemm zewgha prezenti. Spettur Zammit xhed a fol.18 kif kien spegajlha lill-imputata sabiex titlaq minn rajha u kemm dam jipprova jipperswadiha u fl-ahhar ma kellux alternattiva ghajr li jordna liz-zewg puluzija nisa sabiex itellghu lill-imputata fizikament. Meta dawn iz-zewg puluzija marru biex jezegwixxu l-ordni ta’ l-Ispettur Zammit, l-imputata bdit tirrezistihom u tinbuttahom, bdiet tisserra maghhom u ghaldaqstant:

“Jiena ma kellix triq ohra hlief li naqbad lis-sinjura minn xagharha u bdejt nigwidaha lejn il-bieb, u z-zewg pulizija nisa, sadannitant, jigbduha minn idejjha.” (ara fol.18.)

L-Ispettur Zammit a fol.19. xhed illi l-imputata kienet aggressiva immens u li huwa irnexxielu jiehu l-istqarrija ezebita bhala dokument AZ li tinstab a fol.10 sat 12 tal-process, u li l-imputata kienet qaltlu illi hija kellha tarbija ta’ disa’ xuhur, u ma kellux iressaqha l-Qorti.

PS1495 Muscat a fol.21 xhed illi huwa kien stazzjonat mal-festa ta’ Lourdes u li huwa kien qed izomm it-traffiku sakemm jghaddi l-marc, u sakemm il-marc wasal fi Triq Atlonn, is-surgent Muscat ra karozza Peugeot ta’ kulur skur, u li minha harget l-imputata li bdiet targumenta li riedet tmur ghand ommha fl-istess triq, u pretendiet illi tghaddi minn nofs il-marc. Is-Surgent Muscat xhed illi huwa kien kellimha b’mod civili izda l-imputata baqghet ribbeluza mal-pulizija. L-Ispettur Zammit ta’ ordni sabiex ir-ragel ta’ l-imputata jkun appartat. Is-Surgent Muscat ha c-cwievet tal-karozza ta’ l-imputata, u kif gara hekk l-imputata daret ghal fuq l-ispettur Zammit u bdiet ittih go dahru. (ara xhieda a fol.23). Is-Surgent Muscat xhed li l-imputata bdiet tghid hafna kliem mhux xieraq fil-konfront tal-pulizija.

PC988 Paul Grech a fol.21. ikkonferma x-xhieda ta l-ispettur Zammit u ta’ PS1495, cioe kif il-karozza li fiha kienet qeghda l-imputata riedet bilfors tghaddi minn gol-marc, sabiex tmur izzur xi familjari, li l-imputata u r-ragel taghha hargu mill-karozza u t-tnejn hebbu ghall-pulizija. Illi bdew joffendu lil pulizija, b’mod specjali l-imputata, tant li inqala’ panic qalb in-nies. Ikkonferma wkoll l-ordni ta’ l-Ispettur Zammit, sabiex l-imputat jibqa’ appartat.

PS362 Lawrence Lia ikkonferma illi huwa kien wiehed mill-pulizija illi kienu stazzjonati mal-marc tal-Madonna ta’ Lourdes kif indikata fic-citazzjoni flimkien ma pulizija ohra. Xhed li f’mument wiehed, nizlet karozza kontra l-‘one way sign’ u li ippretendiet illi taqsam il-marc, u din giet mizmumha mill-pulizija. Is-sewwieq kien minghajr is-‘seat belt’ u l-imputata harget ghal pulizija u bdiet tghajjarhom bi

kliem oxxen, u tghajjat mal-pulizija. PS362 ikkonferma, li l-Ispettur Zammit ta ordni sabiex ir-ragel ta’ l-imputata jibqa’ appartat, u kif, l-imputata, imbaghad, hebbet ghall-ispettur Zammit, u bdiet tatih bil-ponn go dahru fejn imbaghad qam chaos shih. (ara xhieda a fol.31).

PC353 Antoinne Sacco a fol.33 ikkonferma ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u l-pulizija l-ohra li xhedu fil-kas.

A fol.36 WPC120 Caroline Jacono, ikkonfermat illi hija kienet ‘first watch’ fid-19 ta’ Awissu 2001, li kienet giet moghtija istruzzjoni sabiex tarresta lill-imputata. Hekk ghamlet u, ghall-ewwel ma fetah hadd, u mbghad sussegwentement harget l-imputata flimkien mar-ragel taghha u l-imputata talbitha permess sabiex ikollha cans tbiddel u tigi aktar tard hija stess l-ghassa. WPC120 ippermettitha taghmel dan, u filfatt l-imputata giet naqra aktar tard fl-ghassa tal-pulizija. Hemmhekk WPC120 infurmat lill-Ispettur Zammit illi l-imputata kienet wasslet l-ghassa. Spettur Zammit ta istruzzjonijiet sabiex l-imputata titla fl-ufficju tieghu sabiex tittiehed l-istqarrija taghha, u l-imputata bdiet tirrifjuta li titla’ fl-ufficju ta’ l-Ispettur Zammit minghajr il-prezenza tar-ragel taghha. Minkejja l-perswazzjoni ta’ WPC120, l-imputata baqghet tirrifjuta li titla minkejja li giet infurmata illi kienu ser ikunu prezenti zewg pulizija nisa waqt l-istqarrija. Wara dan, l-Ispettur Zammit gie infurmat b’dak li kien qed jigri. Nizel l-Ispettur Zammit u beda jipprova jipperswadiha:

“Qalilha ghal darba, tnejn, tlieta biex titla’. Hi xorta injuratu, bdiet ixxejjer idejjha ma wiccu u tghidlu le, trid tghidli ghaliex u jiena irrid nitla’ mar-ragel tieghi. Kienet arroganti hafna…” (ara xhieda a fol.38).

Illi wara dan l-Ispettur Zammit ta’ ordni lil WPC120 u WPC70 sabiex itellghu lill-imputata fizikament, meta marru sabiex jezebixxu din l-ordni, l-imputata bdiet tirrezizti u kellhom ittellghuha fizikament hi u WPC70 u bil-ghajnuna ta’ l-Ispettur Zammit illi mexxiha minn wara minn ghonqha. (ara xhieda a fol.39)

“Hi dak il-hin kienet arroganti hafna filfatt lanqas poggiet ‘facing him’ imma kient lagenba, b’idejjha quddiem wicca u anka b’dik ic-certu dahka isterika…”

WPC120 ikkonfermat il-prezenza taghha matul l-istqarrija ta’ l-imputata u gharfet il-firma ta’ l-istess imputata. WPC120 gharfet ic-certifikat mediku taghha ghar-rigward tal-griehi illi soffrit matul ir-rezistenza ta’ l-imputata. Dok.CJ.

Giet certifikata wkoll 149 WPC70 Marthese Bartolo u kkonfermat ix-xhieda ta’ WPC120, ir-rifjut da parti ta’ l-imputata sabiex titla’ fl-ufficju ta’ l-Ispettur Abraham Zammit fuq ordni tieghu, l-istorbju illi kkrejat fl-ghassa, l-manjieri li bdiet terfa idejjha fuq l-Ispettur li sahansitra laqtet lill-istess WPC70. Hija kkonfermat l-ordni ta’ l-Ispettur Zammit sabiex liz-zewg pulizija mara jtellghu lill-imputata fizikament:

“U f’xi hin beda jimbuttaha, din intelqet ma’ l-art tati bis-sieq lil min kien hemm: lili, lill-Ispettur, lil pulizija l-ohra, u mexxejniha sat-tarag, u mbaghad minn hemm mexxejniha sat-tarag. U mbaghad minn hemmhekk telghat wahedha.”

WPC70 ikkonfermat fil-prezenza taghha, maghtul l-istqarrija, u l-manjiera li biha filfatt l-imputata tat l-istqarrija. WPC70 xehdet illi, waqt li hija kienet mal-pulizija fil-Qorti l-imputata qaltilha:

“Jekk mintkomx ser tghidu illi is-Sur Zammit, sawwatni, ha namlilkom xi haga biex nishitkom.” (ara xhieda a fol.45)

Spettur Abraham Zammit, fil-kontro ezami a fol.54, ikkonferma, illi qabel dan l-incident ma kienx jaf, u qatt ma kien ra lill-imputata, li hu nduna biss minhabba l-kommozzjoni illi kienet qalghat fil-marc tal-festa ta’ Lourdes. L-Ispettur Zammit jikkonferma illi huwa ma ra lill-ebda membru tal-pulizija jerfa idejh fuq ir-ragel ta’ l-imputata. Mitlub jghid il-qalziet tar-ragel ta’ l-imputata kien tqatta, l-Ispettur Zammit, xhed illi dan seta’ gara il-ghaliex ir-ragel ta’ l-imputata kellu jitnehha mill-folla fizikament u l-pulizija ghamlu dan billi qabduh mill-qadt tal-qalziet tieghu.

Huwa xhed illi din il-kwistjoni qamet il-ghaliex l-imputata u zewgha bdew jinsistu mall-pulizija illi huma kellhom jidhlu ghand il-mama ta’ l-imputata illi kienet toqghod fil-vicinanza u biex jaghmlu dan riedu bilfors jghaddu minn nofs il-marc, u baqghu jinsistu li jaghmlu hekk. Spettur Zammit ikkonferma f’fol.59 u 60 illi ma ra ebda membri tal-pulizija li jerfa’ idejh fuq l-imputata. Spettur Abraham Zammit a fol.62 ikkonferma illi l-pulizija mara li huwa baghat sabiex jarrestaw lill-imputata, ippermettitilha illi tigi akkompanjatha fil-ghassa tal-pulizija fil-karozza ta’ zewgha, minflok fil-karozza tal-pulizija. Ikkonferma wkoll illi l-imputata ma talbitx il-prezenza ta’ zewgha matul it-tehhid ta’ l-istqarrija izda insistit li jkun prezenti. Spettur Zammit xhed a fol.64 illi l-agir ta’ l-imputata u r-rifjut taghha illi tobdi l-ordnijiet tal-pulizija kienu r-raguni il-ghaliex ta’ ordni lil WPC120 u WPC70 sabiex jaqbdu lill-imputata fizikament u jtellghuha fl-ufficju tieghu. Xhed li kif l-imputata rat illi dan filfatt kien qed isir, hija ma baqghatx tirrezisti u telghat it-tarag sa l-ufficju tieghu, wahedha u min rajha. L-Ispettur Zammit xhed li kien qabad lill-imputata minn xagharha, huwa jghid testwalment:

“Qbadtha minn xagharha u imbuttajtha ‘il quddiem”

Jinnega illi huwa qala xi troffa xaghar, hu xehed illi l-forza li uza kienet biss sabiex hi timxi ‘il quddiem u li dan gara fuq tul ta’ xi zewg metri, massimu 3 metri meta mbaghad l-imputata iddecidiet illi ma tibqax tirrezisti u telghat sal-ufficju ta’ l-Ispettur Zammit min rajha u bla assistenza jew forza. L-ufficjal prosekutur Zammit xhed illi huwa kien gie investigat internament mill-pulizija dwar l-allegazzjoni ta’ l-imputata fil-konfront tieghu.

PC988 Paul Grech, in kontro ezami, innega illi kien qal lir-ragel ta’ l-imputata illi kien ser jharku minhabba in-nuqqas ta’ l-uzu tas-’seat belt’. Innega illi r-ragel ta’ l-imputat filfatt obda l-ordna tal-pulizija anzi xehed bil-kontra. PC988 innega illi huwa ipponta subajh f’ghajnejn ir-ragel ta’ l-imputata u xehed is-segwenta:

“Konnha quddiem il-bonnet tal-karozza, hareg jghajjat minn gol-karozza, hi twerzaq aktar minnu, ghax aktar

nghid illi l-inkwiet qalitu hi milli hu, biex nitkellmu sewwa, u bdiet toffendina bli ghandna u bli ma ghandnix, plus li kellha it-tfal wara u hargu jghajjtu wkoll.” (ara xhieda a fol.75).

PC988 innega illi huwa f’xi hin qabad lill-imputata minn ghonqa, jew li imbuttaha. PC362 Lawrence Lia, in kontro ezami, xhed illi l-imputata u zewgha kienu nizlu kontra l-‘one way’ minghajr ‘seat belt’ u li f’ebda hin ma qalulhom illi kienu ser iharkuhom fuq dawn iz-zewg kontravenzjonijiet. Innega illi ra lil PC988 jerfa idejh fuq l-imputata jew jaqbadha minn ghonqha.

WPC70 Marthese Bartolo, in kontro ezami in a fol.87 et seq., ikkonfermat illi l-imputata baqghet tirrifjuta l-ordni ta’ l-Ispettur Zammit sabiex titla’ fuq, fl-ufficju tieghu. L-imputata bdiet ixxejjer idejjha f’wicc l-Ispettur, u anka xejret idejjha fuq l-ispettur. WPC70 innegat illi f’xi mument l-Ispettur Zammit sabbat lill-imputata ma’ xi bieb u li l-istess Spettur kien qed jimbuttaha ‘il quddiem minn parti ta wara ta’ rasha: “Mhux qabadha minn rasha, imbuttaha minn rasha, imbuttaha.” (ara xhieda a fol.95). WPC70 ikkonfermat illi f’mument minnhom l-imputata inxtehtet ma’ l-art. Gie ezebit Dok.MB certifikat mediku ta’ WPC70 Marthese Bartolo (a fol.98 A).

In kontro ezami, WPC120 Caroline Jacono (a fol.102 et seq.) ikkonfermat illi hija kienet giet mitluba tarresta lill-imputata, Elnily. WPC120 innegat illi l-Ispettur Zammit qabghad lill-imputata minn xagharha jew li sabbatha ma’ xi bieb. Anzi tghid illi l-imputata li kienet aggressiva, tant, illi weggghat il-membri tal-pulizija fosthom hija stess. WPC Jacono innegat illi l-imputata waqghet meta kienet tiela t-tarag jew li giet imsawtha jew li giet imsabbtha ma’ xi bieb mill-Ispettur Zammit.

A fol.112 Rita Elnily ikkonfermat illi hija mizzewgha lil Algad Anwar Ali u li kelli sitt itfal, ta’ etajiet minn 13 ‘il-sena sa ghaxar xhur li dak inhar ta’ l-incident hija kienet ser tmur ghand ommha mar-ragel taghha u mat-tfal, meta gew imwaqfin fi Triq Atlonn mill-pulizija. L-imputata xehdet a fol.113 illi hija bdiet titlob lil pulizija permess sabiex tmur

ghand ommha, kemm taqsam l-isqaq minhabba illi l-istatwa tal-madonna kienet ghada fil-kantuniera l-ohra. L-imputata xehdet illi l-pulizija tahom ordni biex jieqfu u huma waqqfu. F’mument wiehed il-pulizija infurmahom illi kien ser johrog citazzjoni minhabba li ma kellhomx is-‘seat belt’ u li hi allura harget il-barra mill-karozza taghha biex tistaqsih ir-raguni ghal dan. Sadannitant il-pulizija kien qed jitlob lil zewgha l-ID card. Ftit wara gie pulizija ohra, beda jaghmel idejh ma wicc zewgha u beda jaghjjat kemm jiflah u anka beda jimbuttaghha lilha mal-hajt, u jaghmel idejh ma’ wiccha wkoll. F’dan il-mument hija bdiet twerzaq. Minn hemmhekk gew zewg pulizija ohra illi zammewha minn idejjha. Qabdu lil zewgha minn idejh u bdew jimbuttawh l’hemm. Wiehed mill-pulizija beda jaghmel subajh ma’ ghajnejha u t-tfal taghhom bdew jaghjjtu u jwerzqu. Qam panic u l-pulizija taw l-istruzzjoni lill-imputat biex imur l-ghassa tal-pulizija. “U jiena mort biex nahtaf lir-ragel tieghi ghax rajthom qed jimbuttawh.” (ara a fol.115). L-imputata xhedet illi wara dan, hatfuha zewg pulizija “Anka idi ghamluhieli hamra” minn hemmhekk hija irritornat fil-karozza il-ghaliex it-tfal taghha kienu qeghdin jibku, gie l-pulizija minn warajha u beda jghidilha, “Mur sinjura mur” u li irrispondietu fin-negattiv il-ghaliex:

“Mhiex ser thalli l-karozza miftuha bit-tfal joqghodu go fiha. Dan il-pulizija li gie warajha. hatafni minn ghonqi u beda jiprova jifgani u jresaqni lejn il-kantuniera u x’hin rani qed nissara, ghax bdejt inhossu qed jifgani, jaqbad tlett tiswaba u jaghmilhomli ma’ ghonqi u fil-pront kienet ghaddejjha ommi, ziti u missieri u hadu t-tfal mill-karozza” (ara xhieda a fol.115).

Dan il-pulizija imbaghad “sparrixa”. Imbaghad l-ghada fil-ghodu gew il-pulizija biex jakkumpanjawha l-ghassa tal-pulizija.

Elnily (a fol.116) xehedet illi s-Surgent tal-pulizija, fil-fatt, kellem hazin lil bintha bil-kliem elenkat a fol.116. Elnily xehedet illi wara dan, hija marret il-poliklinik ma’ zewgha, illi kien hemm xi grif, li fil-fatt il-qalziet tar-ragel taghha kien imqatta’. Elnily xehedet illi, dakinhar tal-festa, hija ma ratx lill-Ispettur Zammit. Lanqas ma gharfet il-pulizija li

qabadha minn ghonqha. L-ghada tal-festa giet pulizija mara thabbatilha l-bieb u haditha l-ghassa. Elnily xehedet illi kif wasslet l-ghassa, l-pulizija mara qaltilha illi l-Ispettur riedha wahedha. Hi rrispondietha illi wahedha, hi ma titlax:

“U ma kienetx kelma, jigi minn warajja u jatini daqqa ta’ ponn u jaqbadni minn xaghri, jdawwarni dawra u jhabbatni ma’ hajt, u beda jghidli, “Issa trid titla’ b’arrest, Issa!”

Elnily xehdet illi l-Ispettur Zammit ta ordni lin-nisa pulizija sabiex itellghuha fuq. Dawn il-pulizija mara baqghu “iccassati”. (ara xhieda a fol.118).

Meta dawn ma obdewx, Elnily tghid illi l-Ispettur:

“Qabadni minn xaghari habbatni mal-kuritur l-iehor li kien hemm faccata. Ir-ragel tieghi nahseb gie biex izommu u hattfuh zewg pulizija ohra, u li mbaghad kompla jaqbadni minn xaghari, mexxini l-bicca tal-kuritur, ried itellani fuq, bdejt inzommlu mal-koxxa tal-bieb t’isfel, tlajna t-tarag, u f’nofs tat-tarag zlaqt fil-karkur, u qalli:

“Jekk mhux ser tqum minn hemm ha taqla’ daqqa ta’ sieq go nofs sidrek.”” (ara xhieda a fol.119).

Elnily xehedet illi wara dan, iz-zewg pulizija nisa’ gew jaghtuha l-assistenza. Elnily tkompli tixhed illi hi bdiet tiprova taqbad mal-bieb tal-kamra ghaliex ma riditx tidhol, u l-Ispettur habbatha mal-koxxa tal-bieb, imbaghad tefahha quddiem l-iskrivanija. Minkejja illi l-Qorti tat it-twissija lill-imputata din baqghat issosstni l-verzjoni taghha. Elnily xehedet illi hija tbati’ bil-qtugh ta’ nifs, u talbithom tuza l-pompa tan-nifs, u li l-Ispettur Zammit qalilha:

“Lanqas li jekk tmut hawnhekk ma ntiha l-pompa.” (ara xhieda a fol.121).

Sar l-istatement fuq il-kompjuter. “Imbghad insomma ghamilna l-istatement, hlisna u ffirmajt.”

A fol.126, l-imputata xehedet illi hija kienet irrispondit, “Irrid inzommha mistura il-haga,” il-ghaliex l-Ispettur ma kienx zvela x-xeba’ li kien taha. A fol.127, pero’ Elnily tghid illi l-kliem ‘irrid inzommha mistura il-haga’ kienet tirreferi l-fatt li hi ma kienitx taf taqra u tikteb.

Gew ezebiti zewg certifikati, RE1 u RE2, liema certifikati l-imputata hadhet mill-poloklinik imaghad mill-isptar. Ezebiet ukoll Dok.RE3, certifikat tal-Konsulent Sciberras. Tghid illi ghamlet diversi sezzjonijiet ta’ treatment inkluz messaggi minhabba l-griehi illi garrbet.

A fol.130 Elnily xehedet illi hija riedet taghmel rapport u fil-fatt ir-ragel taghha kellem lil certu, Michael Chetchuti, li rraporta fuq dan il-kas. Kienet irrilaxxat l-istqarrija quddiem s-Supretendent Kelly. Elnily xehedet illi xagharha kompla jaqa’, u fil-fatt ezebiet id-Dok.RE5, RE6 u RE7.

A fol.134, Elnily, in kontro ezami, xehedet illi d-dar tal-mama taghha, kienet xi sitt idjar ‘il gewwa. A fol.127, l-imputata innegat illi n-nies stess tal-festa kienu ser jaghmlu ghalihom, pero’ kkonfermat illi l-banda kienet prezenti fuq il-post. A fol.140, l-imputata tghid illi hija kienet qalet lit-tabib taghha, li kellha tbengil fuq ghonqa. Mitlubha tghid il-ghaliex ic-certifikat taghha allura ma jitkellmux fuq it-tbengil fuq ghonqha, illi l-imputata ddikjarat li ma kelliex tbengil fuq ghonqha u anqas ma hadhet ritratti. (ara xhieda a fol.141).

A fol.143, l-imputata, Elnily, xehedet illi certu pulizija informha illi ried ikellimha l-Ispettur Zammit, l-Ghassa tal-Pulizija, u li hi kienet irrispondietha li kienet ser tlesti, tbiddel u tinzel l-ghassa. Ikkonfermat illi hija ma riditx tidhol fl-ufficju ta’ l-Ispettur Zammit, il-ghaliex ma riditx titla’ mhux akkumpanjatha minn zewgha. A fol.144, l-imputata ammettiet li giet infurmatha illi l-istqarrija kienet ser tittiehed fil-prezenza ta’ membri tal-pulizija nisa, izda xorta sostniet li riedet li r-ragel taghha jkun prezenti. L-imputata nnegat illi hija sawtet lill-pulizija nisa. Mitlubha tispjega c-certifikati medici taghha li jitkellmu fuq griehi ta’ natura hafifa, minkejja s-serjeta’ ta’ l-allegat xeba’, l-

imputata xehedet illi l-Ispettur Zammit kien qabadha minn xagharha.

A fol.146, 147, l-imputata, minkejja illi ma setghatx tispjega n-nuqqas ta' griehi indikata fic-certifikat, baqghet issostni illi hija giet imsabbtha ma' bieb u li giet instabtet ma' l-art. A fol.148, l-imputata ammettiet li hija heddied liz-zewg pulizija nisa li kienu skorta maghha fis-6 ta' Dicembru. Ic-certifikat a fol.152 Dok.RE4 jindika li l-imputata kellha 'slip disk' bejn il-L5 u S1 ta' daharha. Certifikat relaxxat, fid-19 ta' Awissu 2001, jitkellmu dwar, griehi ta' natura hafifa, u cioe, zewg dbengil fuq id-dirghajn u l-ghaksa tal-lemin. (ara c-certifikat a fol.162).

Illi c-certifikat tat-18 ta' Awissu 2001 a fol.163, minkejja l-allegazzjonijiet ta' l-imputata, jsemmi biss, "Small recent bruising on both arms on flexsor aspect." (ara certifikat a fol.163).

L-imputata kkonfermat a fol.173, 174 illi d-dar ta' ommha mhijiex boghod fejn kien hemm dan il-marc, u cioe il-wisgha ta' hames garaxxijiet.

A fol.181, Dr. Maria Sciberras ikkonfermat ic-certifikat Dok.MS.

Mary Montezin (a fol.183 et seq.), in kontro ezami, ikkonfermat illi hija ma kienitx fit-tarag, fl-Ghassa tal-Pulizija, l-ghada ta' l-incident tal-marc.

Fil-konront bejn l-Ispettur Zammit u Mary Montezin (a fol.199 et seq.), Mary Montezin baqghet tishaq illi hija ma kienitx fuq it-tarag ta' l-ghassa tal-pulizija, izda kienet fil-bieb ta' l-ghassa, l-ghada ta' l-incident meta l-imputata kienet qed tati l-istqarrija taghha.

PS1245 Paul Hersey ikkonferma illi il-Hadd fil-festa ta' Lourdes fit-2001 huwa kien tela' fl-ufficju ta' l-Ispettur Zammit biex jinfurmah illi kien hemm xi nies illi kienu qeghdin fit-tarag ta' l-ghassa tal-pulizija.

Ronald Kelly a fol.205 ikkonferma ir-rapport li kienet ghamlet Rita Elnily dwar l-Ispettur Abraham Zammit, xehed dwar l-istatements u l-investigazzjonijiet li huwa kien ghamel, u li huwa ghamlu rapport u ghaddieh lill-Kummissarju tal-Pulizija. Ezebixxa l-istqarrija, ta’ Michael Chetcuti Dok.K, u ta’ Annwar Adul Elnily Dok.K1.

Michael Chetcuti a fol.213, xehed illi kien cempillu r-ragel ta’ l-imputata sabiex ikellmu, li huwa mar ikellimhom u li gie nfurmat li l-imputata kienet qalghat xeba’ minghand il-pulizija. Ir-ragel ta’ l-imputata cempel l-avukat tieghu, halli jara x’kienu ser jaghmlu u wara dan cempel lid-Depot, u ghamlu statement mall-Officer in charge. Chetcuti kkonferma l-istatement ezebiet. Huwa xehed illi huwa ma kellimix l-omm l-imputata fuq dan l-incident.

Supretendent Ronald Kelly, fit-tieni testimonjanza tieghu, a fol.239, rega kkonferma l-investigazzjoni li kien ghamel hu a fol.244:

**“Jiena ghamilt din l-investigazzjoni u rrizultali li ma kelli naghmel xejn iktar. Mill-proceduri ma rrizultali xejn.”**

Anwar Elnily, a fol.252, ikkonferma li riedu jaqsmu t-triq minn fejn kien ghaddej il-marc, u li gew imwaqqfa mill-pulizija, u li dawn il-pulizija sahansitra qalu, “Sinjura lest li nwahhlek citazzjoni li mintiex qed tilbes is-seat belt,” li talbuh ghal identity card, u li hargu lil mara tieghu. Elnily, xehed illi dawn il-pulizija qabdu jghajjtu maghhom u li wiehed mill-pulizija ghamel subajh ma’ ghajnejn il-mara tieghu, u beda’ jimbottaha minn spallitha. Ir-ragel ta’ l-imputata, jghid illi huwa beda jitlobhom ir-raguni ghalfejn kienu qeghdin jghajjtu maghhom u li minn hemmhekk qabbduh minn ghonqu u li mbuttawh mal-hajt u gew hafna pulizija ohra fuqhom. Minn hemmhekk inghata l-istruzzjoni sabiex jerga’ jmur gol-karozza, u hekk ghamel. Imbaghad rega’ nizel mill-karozza, biex jiehu n-number ta’ l-ufficjal tal-pulizija u li kien 988. Imbaghad ra lil pulizia jaqbad lil martu minn ghonqha u nizel ghalih. F’dan il-hin daru maghhom il-pulizija u arrestawhom u haduhom l-Ghassa. Ir-ragel ta’ l-imputat jghid li l-ghada, huwa akkompanja lil

martu l-Ghassa, informa lil pulizija li huwa xtaq jitla' maghha, u dan gie irrifjutat, “Imbaghad qabadha minn xagharha, beda' jkaxkarha, malli gejt biex naqbdu minn idu, jiena biex inzommu minn idejh, hu telaq il-mara, qabadni mill-qmies tani daqqa go sidri , rega' qabad il-mara, kien hemm zewg nisa pulizija, beda' jghidilhom:

“Qed nordnalkom biex itellawha fuq, kaxkruha u tellawha fuq. Il-pulizija nisa, fil-fatt ma messunix.”

“Dak rega' beda, qabadha u kaxkarha barra din il-kamra fejn kien hemm mil-bank.” Anwar Elnily ikkonferma c-certifikati medici taghha u l-htiega li taghmel ukoll il-messaggi. Semma wkoll li r-rapport li ghamel fid-Depot tal-pulizija, dwar ix-xeba li kienet qalghat l-imputata fl-Ghassa tal-pulizija.

A fol.266; ir-ragel ta' l-imputata ammetta li kienet l-imputata l-ewwel li nizlet mill-karozza, u jinnega li hija bdiet tghajjat mal-pulizija, titkellem kliem pastaz u baxx, jew li toffendi l-pulizija.

Dr.Anna Mallia, a fol.301, xehedet illi giet moghtija mill-imputata, troffa xaghar li hija riedet tezebixxi u li kienet hi li qaltilha li ma kienx fl-istadju li tigi ezebita. L-imputata pprezentat Dok.A sa E, affidavit tax-xhieda indikat a fol.306.

Dr. Neville Calleja, muri c-certifikat a fol.161 kkonferma l-istess certifikat, u li l-griehi fl-istess certifikat kienu ta' natura hafifa.

Francis Zarb, a fol.322 ikkonferma li huwa ezegwixxa MRI scan fuq l-imputata li sar fil-15th November tat-2001 u kkonferma Dok.Z a fol.325 et. seq.

Dr. Salvina Zrinzo, a fol.327, ikkonfermat illi hija kellha ‘referral' minghand Dr.Alex Sultana dwar problemi ta' ugiegh tad-dahar l-imputata, u li kien sarilha MRI fil-15 ta' Novembru 2001:

"…fejn kien gie stabillit li l-cartilage, cioe d-disk ta' bejn il-hames rukkell u l-ewwel wiehed tad-denb kien juri 'changes' li huma antiki, jigifieri kellu digenerazzjoni ma' dan id-disk u li imbghad kien ukoll mahrug daqsxejn 'il barra. "Jigifieri 'changes' antiki li fil-fatt meta jkunu mahruga 'il barra ma nkunux nistghu nghidu, jekk ikunux changes antiki jew le."

Romina Ellul, a fol.337, ikkonfermat illi l-imputata kienet klijenta taghha ghal xi sentejn jew tlieta qabel id-data li fiha xehedet (Novembru 2003), u kkonfermat li l-imputata qaltilha li kienet qalghat xi xeba' minghand il-pulizija, u kienet innutat illi l-imputata kellha ghoqda f'xaghrha li hija ma riditx taqta' li mbaghad sussegwentement qaltilha li ser taqtaghha. Romina Ellul a fol.340, xehedet illi jekk l-ghoqda tibqa' ma taqtahhix, "Din tikber".

Ikkonsidrat;

Mill-provi migburha u fuq indikati, irrizulta, illi kienet l-imgieba hazina ta' l-imputata li pprovokat l-incident kemm tat-18 ta' Awissu 2001, kif ukoll dak tat-19 ta' Awissu 2001 u certament mhux l-agir tal-pulizija. Dan qed jinghad minhabba diversi ragunijiet fosthom illi ghal rigward ta' l-incident tat-18 ta' Awissu, kien hemm prezenti diversi membri tal-pulizija illi xehedu b'reqqa u precizjoni dwar il-mod arroganti u vulgari li bih l-imputata gabghet ruhi mal-pulizija, li minkejja li l-marc kien ghaddej, minkejja l-istruzzjonijiet moghtija lilha u lil zewgha mill-pulizija, din ippretendit li taqsam il-marc, sabiex tmur ghand dar ommha biex ma timxix distanza ta' ftit metri! Tant qam kjass, dak il-lejl, illi n-nies li kienu mal-marc, sahansitra kienu ser iduru ghaliha, u ghal zewgha, u li kienu l-pulizija stess li kellhom jintercedu anke sabiex jipproteguhom.

Illi ghal rigward ta' l-akkuza tat-19 ta' Awissu 2001, minkejja dak kollu illi ppruvat taghmel l-imputata, biex ixejjen il-provi tal-prosekuzzjoni, din il-Qorti tifhem illi kien l-istess agir, intransigenti, arroganti ta' l-imputata; r-resistenza taghha ghal kull ordni li giet moghtija mill-pulizija illi waslet sabiex l-imputata kellha tigi eskortata fizikament fl-ufficju ta' l-Ispettur Zammit.

Din il-Qorti tqis illi x-xhieda ta' WPC120 Carol Jacono u WPC70 Marthese Bartolo, mehuda kemm quddiem din il-Qorti, kif ukoll fl-istqarriji taghhom mehuda mis-Supretendent Kelly fl-investigazzjoni interna li saret b'konsegwenza ta' dan l-incident, hija wahda veritiena. Dan kien inghad ghaliex dawn iz-zewg membri tal-pulizija femminili, taw il-verzjoni taghhom quddiem is-Supretendent Kelly kif ukoll quddiem din il-Qorti, sar kontro ezami intensiv hafna, inkluz ta' l-investigazzjoni ta' l-istess din il-Qorti, u dawn sostnew l-istess verzjoni bla tlaqliq u bla biza' ta' xejn u dana f'diversi okkazjonijiet.

Illi di piu' ix-xhieda ta' l-imputata, ta' zewgha u ta' ommha, hija mzewqa b'bosta inkonsistenzi u l-Qorti tigbed l-attenzjoni ghal posizzjoni ta' omm l-imputata bl-ghassa u ghal konferma ta' l-Ispettur Hersey dwar il-posizzjoni ta' l-omm l-imputata fuq it-tarag ta' l-ghassa.

Illi l-provi imabghad li pruvat tressaq lilll-imputata dwar "il-griehi" taghha, mumhiex sostenibbli ghal diversi ragunijiet. Dan il-ghaliex il-griehi li sofrit l-imputata (griehi ta' natura hafifa kif gie spjegat mic-certifikat a fol.161 ikkonfermat mit-tabib taghha) huma konpatibbli max-xhieda ta' WPC120 u WPC70 dwar ir-resistenza li ghamlet l-imputata u l-forza necessarja li kellhom juzaw fuqha huma kif ukoll l-Ispettur Zammit sabiex jeskortaw lill-imputata fl-ufficju sabiex jinghad l-istqarrija. Li di piu d-dokumentazzjoni medika kollha li giet ezebita mill-imputata juru certu griehi f'darha li fil-fatt gew ribattuti serjament mix-xhieda ta' Dr. Zrinzo li a fol.328, ikkonfermat illi t-tibdil fir-rukkell ta' dahar l-imputata **juru degenerazzjoni li kienu antiki**. Ghar-rigward ta' l-"islip disk" li kellha l-imputata, t-tabib Zrinzo ma setghax jghid jekk **kienux kambjamenti antiki jew godda.**

Illi din il-Qorti temmen illi l-griehi hfief u ta' importanza zghira illi jinstaghbu fic-certifikat a fol.161 kienu fil-fatt il-griehi li l-imputata soffrit minhabba r-resistenza taghha mil-pulizija. Il-Qorti temmen ukoll illi kieku l-imputata qalghet ix-xebgha illi tghid illi qalghet, dawn il-griehi fuq

daharha u fuq ghonqha kienu ser jigu riflessi fic-certifikat a fol.161.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti taghraf illi l-prosekuzzjoni ppruvat l-akkuzi kollha dedotti kontra l-imputata rat il-fedina penali ta’ l-imputata illi **turi repetizzjoni ta’ l-istess tip generu ta’ akkuzi li ghandha quddiema din il-Qorti** (ara a fol.335) u wara li rat Artikli 95 u 96 338(dd), 342, tal-Ligijiet ta’ Malta; Artiklu 22 Kap.446 tilliberaha lill-imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx rejat iehor fi zmien sentejn waqt illi ai termini ta l-Artiklu 383 Kap.9 tqieghed lill-imputata taht garanzija ta’ mitt lira (Lm100) (232.94 Euro) ghal sena, b’obligazzjoni illi ma timmolestax lill-Ispettur Zammit, WPC120 Carren Diacono u WPC70 Marthese Bartolo.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------